MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1154/2003/1

**RAB Limited**

**vs**

**Christopher Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Gunju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500), somma li tirraprezenta l-valur ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni RAB 444 li nsterqet nhar id-29 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-5.00 pm minn gewwa Mriehel Industrial Estate, Qormi waqt illi kienet fil-pussess tal-konvenut;

Illi l-vettura giet misruqa minhabba negligenza u t-traskuragni tal-konvenut u huwa ghalhekk li gew mibdija dawna l-proceduri kontra tieghu;

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta’ l-ittri legali datati 8 ta’ Marzu, 2001 u t-30 ta’ Lulju, 2001 u bl-imghax;

Ra r-risposta tal-konvenut illi jeccepixxi preliminarjament l-preskrizzjoni ta’l-azzjoni u dan ai termini ta’l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fit-tieni lok, il-konvenut jeccepixxi l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal rationae materie;

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici fil-konfront ta’l-eccipjent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m’ghandu l-ebda htija fil-kaz tas-serq tal-vettura tas-socjeta’ attrici li saret meta hu kien impjegat mal-istess socjeta’ u dan fid-dawl tal-fatt li hu dejjem wettaq xogholu sew u bid-diligenza kollha mehtiega;

Illi fir-raba’ talba u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut mhux debitur tas-socjeta’ attrici;

Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mhux dovut mill-konvenut;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba hija wahda ezagerata;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjes;

In vista ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, dan it-Tribunal tah sentenza in parte fis-16 ta’ Dicembru,

2004 fejn cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Ra x-xhieda ta’ PS 318 Francis Rogers li kien dahhal rapport fid-29 ta’ Novembru, 2000 fuq serq ta’ vettura. Ighid li hu kien involut fl-eventi sussegwenti meta kienet qed tigi mfittxija l-vettura li kienet giet misruqa;

Ra x-xhieda ta’ PC1420 Etienne Tabone li ighid li dakinhar li insterqet il-vettura in kwistjoni hu kien “orderly,” fl-ghassa u kien dahhal ir-rapport, pero’ ma kienx tkellem mal-konvenut;

Ra x-xhieda ta’ Mark Mifsud Saydon li jahdem bhala assistant manager mas-socjeta’ Citadel Insurance plc. Jispjega illi l-vettura Peugeot RAB 444, proprjeta tas-socjeta’ attrici, hija assikurata maghhom that polza “fully comprehensive” fuq valur ta’ elf u hames mitt lira(Lm1500);

Wara li saret claim mis-socjeta’ attrici fuq dina l-vettura din giet irrifjutata ghaliex certu kundizzjonijiet fil-polza kienu tkissru. Jaghmel referenza ghal “General Conditions”, precisament numru 2, letter “B” u jghid li mill-informazzjoni li kienet tathom is-socjeta’ attrici, l-vettura kienet thalliet miftuha  u kienu nsterqu xi affarijiet minnha ukoll;

Ighid li l-vettura kienet assikurata bhala “commercial vehicle” u ma kienx irrizultalu minn kien ghamel il-claim maghhom jekk hux is-sid jew ix-xufier tal-vettura Chris Spiteri;

Ra x-xhieda ta’ Anthony Briffa li jispjega li hu kien mar jaghmel il-claim mal-insurance u dan wara dakinhar li nsterqet il-vettura kien mar jinfurmah il-konvenut li kien stqarr mieghu li kien halla c-cavetta fl-ignition u halla ukoll il-bieba miftuha u kien qasam it-triq fl-Industrial Estate, Mriehel u dan gara ghall-habta ta’ nofsinhar meta jispiccaw

il-fabbriki. Kien imbagahd tah ic-cwievet soare ghaliex il-konvenut kien qallu li kien sejjer ifittex il-vettura misruqa;

Hu jistqarr li l-insurance ma riedux jmexxu l-claim minhabba li kien hemm traskuragni;

Ra x-xhieda ta' Christopher Spiteri li jispjega li fl-20 ta' Dicembru, 2000, hu kien jahdem bhala salesman mas-socjeta' attrici u dakinhar li nsterqet il-karozza, kellu t-tieqa miftuha bizzejjed biex setghet tohrog l-arja minhabba li kien qed ipejep, ipparkja u kemm dahal go hanut u rega' hareg;

Ix-xhud ighid li ma jaqbilx ma dak li qal il-pulizija li ma kienx sakkar il-karozza ghaliex fil-fatt kellu c-cwievet f'idejh u kien sakkar. Wara li nsterqet il-karozza kien tah ic-cwievet lis-sid tal-vettura. Ighid li fil-fatt kien tah ic-cwievet lill-pulizija. Kien halla c-cwievet tad-dar tieghu fil-karozza;

Kien ipparkjat xi zewg bibien 'l hemm mill-hanut fejn kien dahal ghal hames jew ghaxar minuti. F'xhieda ohra tieghu jghid li l-vettura kienet ipparkjata xi sitt karozzi lil hemm mill-hanut;

Jispjega li meta lill-pulizija qalilhom li kien halla l-vettura miftuha, kien qed jirreferi ghat-tieqa, li kienet imbexxqa kemm johrog is-sigarett. Jista' jkun li kienet imbexxqa, tant li rnexxielhom idahhlu idejhom u jifthu;

Jikkonferma li kien qal lill-imghallem tieghu u kien ghamel rapport l-ghassa ta' Hal Qormi. Lil Briffa, proprjetarju tal-karozza, jghid li kien kelmu biss fuq it-telephone u mbaghad jikkonferma li kien ircieva xi ittri minghandu u kien kellem l-avukat tieghu;

Ra x-xhieda ta' PS318 Francis Rogers, li kkonferma li kien PS1420 li kien dahhal ir-rapport;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

It-talba tas-socjeta' attrici hija l-hlas tal-valur tal-vettura Peugeot, vettura tal-kumpanija, li nsterqet waqt li kienet fil-pussess tal-konvenut, impjegat ta'l-istess socjeta';

Is-socjeta' attrici, tinsisti li kien hemm negligenza da parti tal-konvenut, u dan peress li tallega li halla l-vettura miftuha u wahedha, meta dahal go hanut fil-vicinanzi;

Il-konvenut da parti tieghu jikkontesta r-rapport tal-pulizija, fejn jinghad li hu ma kienx sakkar il-karozza u jinsisti li hu kien halla biss it-tieqa tan-naha tieghu mbexxqa biss sabiex ikun jista' johrog is-sigarett;

Il-PS 1420 Etienne Tabone jikkonferma li hu kien ghamel ir-rapport, minkejja li ma kienx tkellem mal-konvenut. Il-konvenut jinsisti li dan ir-rapport ma kienx jirrifletti dak li verament kien gara;

Il-gurisrudenza nostrana titlob li l-"*kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnhu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha f'illi wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett. Il-prevedibilita', bhala distinta mill-previzjoni, sservi biex tiddetermina l-kolpa mid-dolo, u l-konkors taghha jiddiferenzja l-kolpa mill-kaz fortuwitu, li hu kostitwit minn att imprevidibbli u inevitabbli.*"

It-Tribunal sema' lix-xhieda kollha u ghandu jibbaza ruhu fuq il-kredibilita' tas-socjeta' attrici u tal-konvenut. It-Tribunal josserva li jekk il-konvenut kien halla biss it-tieqa tal-vettura mbexxqa, izda kien ghalaqha bic-cwievet, huwa

difficli kif seta' wiehed jisraq l-istess vettura u dan f'qasir zmien, ghaliex kif isostni l-konvenut ma kienx dam aktar minn hames jew ghaxar minuti gol-hanut;

Hija aktar konvincenti l-verzjoni tas-socjeta' attrici, li l-konvenut kien nizel go hanut fil-vicinanzi ta' fejn pparkja u kien halla l-karozza miftuha bic-cwievet go fiha. Hawn tispikka n-negligenza u dan ghaliex qatt ma qies ghal mument li kien ser ihalli vettura miftuha u wahedha, okkazzjoni *par excellence* sabiex tinsteraq il-vettura fl-aqsar zmien.

Ir-rapport tal-Pulizija jirrifletti li l-konvenut kien halla l-vettura miftuha. L-unika differenza li temergi mir-rapport tal-pulizija hija li ma kienx hemm cwievet. Dan il-fatt *per se* mhi l-ebda skusanti ghas-serq tal-vettura. Biex jezonera ruhu minn kull responsabbilita' kien rikjest minnu li jsakkar il-karozza jew alternattivament jekk kien ser ihalliha miftuha kellu joqoghod presenti maghha. Il-vettura kienet biss fil-pussess tieghu u ghalhekk kien mehtieg li jezercita dak il-hsieb biex jissalvagwardja din il-vettura;

"*Persuna li tkun uriet nuqqas gravi li tikkustodixxi, kif tipprovdi l-ligi , hwejjeg ta' haddiehor, twiegeb ghal culpa lata……*"[1]

L-istess assikurazzjoni Citadel Insurance plc. rrifjutat li takkolji l-claim tas-socjeta' attrici;

Aktar u aktar konvincenti hija t-tesi tas-socjeta' attrici, meta Briffa jikkonferma li l-konvenut kien sussegwentement ghas-serqa kien mar ghandu l-konvenut u kien talbu ic-cwievet tal-vettura sabiex seta' jmur ifittixha, izda baqqghet ma nstabitx;

---

[1] Michael Micallef et. vs George Sammut et. (App. Civ. 07/07/1998)

> Dwar il-valur tal-vettura din ma gietx kontestata u ghalhekk il-valur li biha tinstab assikurata qed tigi kkonfermata;
>
> Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.
>
> Bl-ispejjes kif mitluba, inkluzi dawk ta'l-ittri ufficjali ta' datati 8 ta' Marzu, 2001 u t-30 ta' Lulju, 2001 u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz."

L-ilment principali li fuqu jirpoza l-appell tal-konvenut hu dak li l-provi ma gewx valutati sew mit-Tribunal. Anki issa f' din is-sede l-appellanti jissokta jinsisti illi kellha tigi emnuta bhala genwina l-versjoni tieghu tal-fatti. Dik, jigifieri, illi hu ma kienx negligenti fil-kustodja tal-karozza qabel ma din insterqet minn injoti. Jikkontendi wkoll bit-tieni ilment illi, la ma kienx fi htija, ma kellux iwiegeb lanqas ghall-imghaxijiet u l-ispejjez tal-kawza;

Qabel xejn tajjeb li jigu registrati s-segwenti fatti li jirrizultaw provati:-

(1) Il-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala *sales representative*. Skond Anthony Briffa ghas-socjeta` attrici "d-doveri tieghu kellu jaghmilhom bil-karozza taghna" (fol. 25). Dan hu hekk korroborat minn klawsola 3 tal-kuntratt ta' impjieg datat 9 ta' Ottubru 2000, esebit a fol. 26;

(2) F' okkazjoni minnhom, precizament fid-29 ta' Novembru, 2000, lill-konvenut insterqitlu l-karozza meta hu htieglu jidhol f' hanut biex jixtri xi haga. Dwar din is-serqa huwa ghamel rapport fl-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi;

(3) Skond dan ir-Rapport (fol. 49) jinghad li l-karozza "kienet ipprarkjata miftuha izda minghajr cwievet". L-imsemmi xhud Anthony Briffa jghid li, avvenuta s-serqa,

huwa ghadda l-i*spare key* tal-vettura lill-konvenut ghax dan kien qallu li c-cavetta kien halliha fl-*ignition*, bil-bieba miftuha. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 47;

(4) Il-konvenut, li xehed aktar minn darba, zmentixxa li hu halla c-cavetta fil-karozza u, anzi jghid, li hu kien sahansitra wera c-cavetta lill-Pulizija meta ghamel ir-rapport. Jinnega wkoll li x-xhud Briffa pprovdieh bl-i*spare key*. Hu lanqas ma jaqbel mad-dikjarazzjoni f' dan l-istess rapport ghaliex, skond hu, ma halliex il-karozza miftuha, salv ghal fatt li halla t-tieqa mbexxqa b' certu mod li jkun jippermettilu johrog is-sigarett li kien qed ipejjep. Ara d-deposizzjonijiet tieghu a fol. 21, 87 u 91;

Mill-fatti premessi jidher li l-ewwel osservazzjoni li trid issir hi din. Hawnhekk ghandna ipotesi ta' depozitu ta' vettura konness ma' kuntratt ta' impjieg, u dan igib li l-obbligu tal-kustodja taghha mill-konvenut ghandu natura merament accessorja ghall-obbligazzjoni principali tieghu, *qua* impjegat. Ragonevolment, la hu gie fdat bil-konsenja tal-vettura ghall-iskop li jisserva biha fix-xoghol tieghu huwa gie li assuma wkoll l-obbligu guridiku accessorju li jikkostodiha bid-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja. Dan fit-termini tar-regola ghall-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet in generali li jippreciza l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili. Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Pietro Contini *nomine* -vs- Giorgio Zammit**", Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1936;

Dan affermat iwassal necessarjament ghal din it-tieni osservazzjoni. Jekk, fuq il-valutazzjoni tal-fatti, jinstab li l-konvenut ma hax kura kif imiss, u kustodja adegwata tal-vettura affidata lilu ghall-iskop ta' l-ezercizzju tal-mansjonijiet tieghu attinenti ghall-kuntratt ta' impjieg, huwa jkun obbligat iwiegeb ghar-rizarciment tad-danni versu l-principal tieghu;

Biex jiskansa ruhu minn din ir-responsabilita`, u dik tal-konsegwenti rizarciment, il-konvenut appellanti, *qua*

detentur tal-vettura tal-kumpanija, htieglu jiddizempenja ruhu mill-oneru inkombenti fuqu billi jipprova:-

(a) il-fatt li sehh is-serq tal-vettura;

(b) li din is-serqa kienet ghalih mhux biss imprevedibbli imma wkoll inevitabbli. Ara "**Giuseppe Lia *et* -vs- Peter Endrich**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' April, 1957 u "**Paul Abela *et nomine* -vs- Annunziato Xuereb**", Appell Kummercjali, 11 ta' Jannar, 1989;

Kwantu ghall-ewwel element ta' prova ma jidherx li jezisti kuntrast bejn il-partijiet illi, effettivament, il-karozza giet derubata. Ammess allura li kien hemm dan is-serq, jidher li hu accettat in linea ta' principju illi s-serq ghandu jkun konsiderat bhala kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrih il-proprjetarju ta' l-oggett misruq. Dan bis-sahha tal-principju *casus sentit dominus* sancit fl-Artikolu 1029, Kodici Civili. Fl-ispecifiku, jinsab provdut fl-Artikolu 1901, Kodici Civili illi "d-depozitarju ma jwiegeb qatt ghall-accidenti li jigru minn forza magguri …". Ara, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet "**Elia Borg Bonaci -vs- Robert Biasini *et nomine***", Appell Civili, 22 ta' Mejju, 1950. Dan, naturalment, hu hekk il-kaz, "ammenokke ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa fuqu l-htija ta' dak il-kaz fortuwitu" ("**Charles Bianco -vs- Carmelo Ciantar**", Appell Kummercjali, 17 ta' April, 1944);

Issa fil-kumpless tal-provi din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, mhix konvinta li l-appellanti ha l-prekawzjonijiet kollha xierqa ghall-evitar tas-serqa tal-vettura. It-Tribunal jaskrivi htija fl-appellanti ghaliex fuq il-bazi ta' l-apprezzament tieghu tal-provi u, l-aktar dak tat-test tal-konsistenza u verosimiljanza, kompriz is-solitu kriterju tal-kredibilita`, sab li l-appellanti mhux veru li sakkar il-vettura qabel ma acceda fil-hanut fejn ried imur. Ghall-kuntrarju, it-Tribunal iddetermina, korrettement hafna fil-fehma tal-Qorti, illi l-appellanti halla l-vettura miftuha, bic-cwievet fiha u ghal kollox inkustodita. F' qaghda bhal din,

certament l-appellanti ma jistax jikkampa fuq il-fortuwitu bhala mezz liberatorju mir-responsabilita`, anke ghaliex, f' dawn id-dati cirkustanzi, is-serqa tal-vettura la kienet ghalih imprevidibbli u lanqas inevitabbli. Anzi, jista' bla ezitazzjoni jinghad li n-ness tal-kontributorjeta` tieghu ghall-event dannuz hu sew evidenti. Huwa fil-fatt innegabbli illi kien hemm omissjoni lampanti da parti tieghu bhala depozitarju ta' dik il-vettura. Dan ghal motiv illi huwa negligentement naqas milli jadotta dik il-kawtela ordinarja u idoneja biex ihares l-interessi tas-socjeta` attrici taht il-profil duplici tal-konservazzjoni fizika tal-vettura u dik tas-salvagwardja tal-valur ekonomiku taghha. Verament, ikollu jinghad b' ripetizzjoni ta' certa gurisprudenza konkordi illi f' kaz bhal dan il-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-resposabilita` ghad-danni jekk ikun precedut minn htija ta' min ikkagunahom. Ara, fosth ohrajn, "**Publio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***", Appell Civili, 14 ta' Novembru, 1919 u "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938;

Raggunta din il-konkluzjoni, din il-Qorti ma tarax kif tista' takkolji l-gravam l-iehor sottomess mill-appellanti in referenza ghall-interessi u l-kap ta' l-ispejjez. Dan ghal raguni illi dawk l-interessi kienu fil-fattispeci l-konsegwenza naturali tal-kundanna tas-sorte reklamat u, fil-kaz ta' l-ispejjez gudizzjarji, it-Tribunal ma kellux xelta hlief li japplika n-norma ta' l-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 ghal kundanna tas-sokkombenti ta' dawk l-istess spejjez.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------